# *Il-Kjeriċi fin-Nadur*
## *bejn l-1740 u l-1830*

Daniel Meilak

Il-Knisja Mqaddsa Kattolika tagħraf distinzjoni bejn l-imgħammdin, li hi bejn il-lajċi u l-kjeriċi. It-taqsima tal-lajċi huma dawk l-imgħammdin kollha li m'għandhom l-ebda grad tas-Sagrament tal-Ordni Sagri, filwaqt li huma kjeriċi dawk li rċevewh f'wieħed mill-gradi tiegħu li huma l-Episkopat, il-Presbiterat u d-Djakonat. Però, matul iż-żminijiet, it-terminu kjeriku kien jintuża mhux biss għal dawk li ġew ordnati bis-sagrament tal-Ordni Sagri, iżda anke għal dawk li kienu jkunu rċevew l-ordnijiet ta' qabel ma jieħdu d-djakonat, waħda minnhom hija l-ewwel tonsura. Infatti, fil-15 ta' Awwissu, 1972, il-Q.T. Papa Pawlu VI ħareġ Ittra Appostolika mogħtija *Motu Proprio* bl-isem ta' *Ministeria Quædam* fejn ġew ipprokklamati xi tibdilet fil-mod ta' kif jitqassmu dawn l-ordnijiet. Fi ftit kliem, il-*Motu Proprio* jistqarr li fil-Konċilju Vatikan II, xi isqfijiet kienu talbu li l-Ordnijiet Minuri u s-Suddjakonat jiġu rreveduti. L-aktar punt importanti li jirrigwardja dan l-artiklu kien li l-ewwel tonsura ma kinitx ser tiġi mogħtija aktar u d-dħul ta' wieħed fl-istat ta' kjeriku ikun malli dan jiġi kkonsagrat djaknu.[i] Sa dak iż-żmien, bil-kelma kjeriku kien jinftiehem xi ħaġa kemmxejn differenti minn dik li nifhmu biha llum. Filwaqt li qabel is-sena 1972 u l-Konċilju Vatikan II, il-kelma kjeriku kienet tintuża għall-dawk kollha li jilbsu s-suttana, jiġifieri persuni li jkunu għadhom lanqas biss rċevew id-djakonat, imma jkunu ħadu l-ewwel tonsura, wara r-riforma li saret, il-kelma kjeriku tintuża biss għal dawk li ħadu l-Ordni Sagri, f'kelma oħra dawk li minn lajċi ġew ikkonsagrati b'dan is-sagrament.



*Il-Knisja Parrokkjali tan-Nadur qabel ma' tkabret.*

Fin-Nadur, insibu xi persuni bejn it-tieni nofs tas-seklu tmintax u l-ewwel nofs tas-seklu dsatax, li għalkemm kienu f'dak iż-żmien jitqiesu kjeriċi, ma kellhomx il-konsagrazzjoni ta' l-Ordni Sagri, jiġifieri ma kinux djakni, imma li kienu jkunu rċevew l-ordnijiet ta' qabel, bħall-ewwel tonsura. Niltaqgħu ma' xi ismijiet ta' rġiel li kienu jħaddnu dan l-istat ta' ħajja u għalkemm ma tantx għandna, kemm rġiel ta' dan it-tip u kemm informazzjoni dwar il-ħidma tagħhom, imma xorta waħda nistgħu napprezzaw xi ftit iktar dan il-fenomenu meta nħarsu ftit lejhom fl-istorja tal-parroċċa tan-Nadur.

Fl-1744, fi żmien il-parrokat ta' Dun Salv Galea, fin-Nadur saret viżta pastorali mill-Isqof Alpheran De Bussan, imma din kienet waħda speċjali għaliex fiha l-istess Isqof ta' Malta u Għawdex[ii] kellu jagħti l-ewwel tonsura lil tlett żgħażagħ. Billi tnejn minnhom kienu min-Nadur, allura l-Isqof iddeċieda li ssir fin-Nadur. Dawn it-tnejn kienu Ġanni, iben Toni u Tona Attard. Dan ftit iżjed tard, fis-sena 1751 sar wieħed mill-qassisin tal-parroċċa tan-Nadur. Iżda l-ieħor, Mikiel Bugeja ma sarx qassis, anzi, għażel l-istat taż-żwieġ. Mikiel Bugeja kellu jkun kjeriku[iii] miżżewweġ li ta s-sehem tiegħu fil-parroċċa. Fil-fatt, f'kull viżta pastorali li kienet issir, Mikiel kien jersaq, l-istess bħall-qassisin quddiem l-Isqof biex dan jara jekk Mikiel hux qed jaqdi dmiru sewwa bħala kjeriku.[iv]

Insibu wkoll bniedem ieħor ta' fejda kbira għal parroċċa tan-Nadur. Din id-darba qed nitkellmu fuq Ġamri Sapiano li kien jiġi ħu l-kappillan Dun Franġisk Sapiano. Dawn l-aħwa kienu mir-Rabat, sewwa sew minn San Ġorġ, imma wara li Dun Franġisk inħatar kappillan tan-Nadur u ħa l-pussess fid-19 ta' Ottubru, 1778 hu flimkien ma' Ġamri u n-neputija tagħhom Marija Sapiano ġew joqgħodu fid-Dar tal-Kappillan.[v] Fi żmien il-kappillan Sapiano fil-pajjiż kollu kien hawn taqlib kbir. Fis-sena 1798 il-Ġeneral Napuljun Bonaparte invada 'l Malta u hekk kif dawn il-gżejjer waqgħu f'idejh, twaqqfu il-muniċipalitajiet, qisu tip ta' kunsill. Il-kjeriku Sapiano kien wieħed mill-membri tal-muniċipalità li flimkien ma' Frenċu Attard kienu jirrappreżentaw lin-Nadur.[vi] Ġamri ħallas minn butu lampier tal-fidda u dan tlesta fis-sena 1818 u fuqu hemm imnaqqax dan il-kliem: *"Donum Ċl. Joannij M. Sapiano: 1818"*.[vii] Illum dan il-lampier jiddendel quddiem l-artal tar-Rużarju. Fuq dan il-lampier hemm ukoll minquxin żewġ figuri; ta' San Pietru u San Pawl.[viii] Nafu żgur li fis-sena 1822 dan Ġamri kien wieħed miż-żewġ pokuraturi għax-xogħlijiet fil-knisja li kien għadu sejjer. Wara l-mewt ta' ħuh il-kappillan Sapiano fil-25 ta' Jannar, 1812, fi żmien il-kappillan Dun Antonin Scasciato, Ġamri xorta waħda baqa' n-Nadur u kellu ħafna xogħol f'idejh f'din il-parroċċa. Kien prokuratur tal-bust devot ta' l-*Ecce Homo* u prokuratur ukoll tas-Santwarju tal-Immakulata Kunċizzjoni tal-Qala fl-istess parroċċa tan-Nadur.[ix] Lil Ġamri nsibuh imniżżel fil-lista tal-kleru tan-Nadur fl-1822 fil-viżta pastorali li għamel l-Isqof ta' Malta Fra Ferdinandu Mattei. Hawn insibu lista ta' disa' qassisin u żewġ kjeriċi li kienu l-istess Ġamri Sapiano u Lawrenz Cutajar.[x] Dwar Lawrenz Cutajar nafu li kien prokuratur tal-artal ta' San Franġisk ta' Paola, dan ifisser li hu kien jieħu ħsieb



*Il-Bust devot ta' l-Eċċe Homo.*

il-festa ċkejkna li kienet issir lil dan il-qaddis u dak kollu li kellu x'jaqsam ma' din il-prokura. Sapiano ħalla din id-dinja fil-għomor sabiħ ta' 85 sena fid-19 ta' Mejju, 1830.

Dan il-fenomenu jista' jinstema' xi ftit stramb fil-kuntest tal-lum: bniedem li ħa l-ordnijiet sa l-ewwel tonsura, jista' jilbes is-suttana, iżda jista' jkun ukoll miżżewweġ. Iżda bħal kull ħaġa oħra dawn il-każijiet iridu jiġu studjati fil-kuntest ta' żmienhom. Illum, xi ħaġa tixbah lil dan l-istat ta' ħajja huwa d-djakonat permanenti, fejn ikollok raġel li jista' jkun miżżewweġ u fl-istess waqt ikun djaknu permanenti, li jista' jaqdi l-funzjonijiet kollha ta' saċerdot minbarra l-qrar u l-konsagrazzjoni. Differenza waħda fundamentali u pedamentali li tiddistingwi kjeriku (kif mifhuma wara il-*Ministeria Quædam*) mid-djakonat permanenti hija li filwaqt li ta' l-ewwel ma' kellhomx l-Ordni Sagri u allura ma' setgħux jaqdu l-funzjoni ta' djakni, ta' l-aħħar huma kkonsagrati bis-sagrament tal-Ordni Sagri. Dan narawh mix-xogħol li kienu jagħmlu l-kjeriċi, li kien jikkonsisti fid-dmirijiet tal-parroċċa li jistgħu jiġu moqdija minn persuni li mhux ordnati bħall-prokuri u ħtiġijiet oħrajn. Kienu, imma ta' fejda għall-parroċċa għax għalkemm ma' kinux saċerdoti kienu ta' servizz għall-komunità; differenti minn rġiel oħrajn. Allura din tista' titqies bħala stat ta' ħajja. Għalkemm xi każijiet bħal dak ta' Mikiel Bugeja kellu l-vokazzjoni taż-żwieġ, imma xorta waħda kellu stat ta' ħajja ta' raġel li jservi l-komunità b'ċerta rabta u mpenn, u dan jidher mill-fatt li dawn l-irġiel kienu jersqu mas-saċerdoti quddiem l-Isqof meta dan jagħmel żjara pastorali għax dawn kienu jkunu jagħmlu mill-Isqof, allura b'ċertu rabta, u kien għalhekk li jien irreferejt għal dawn il-każijiet bħala stat ta' ħajja, li meta f'xi każijiet ikunu miżżewġa, il-ħajja taż-żwieġ u l-ħajja ta' servizz lill-komunità kienu jingħaqdu f'armonija waħda bħala stat ta' ħajja ta' bniedem li jkun imsejjaħ għal dan il-għan.

i *Ministeria Quaedam*, Ittra Appostolika mogħtija *Motu Proprio*, http://www.ewtn.com/library/PAPALDOC/P6MINORS.HTM

ii Inżommu f'moħħna li sal-1864, Malta u Għawdex kienu djoċesi waħda.

iii Minn hawn 'il quddiem fl-artiklu, l-kelma kjeriku qed nużaha bi skop. Il-kelma kjeriku kienet kelma li toqgħod għal dawn in-nies qabel ma' ħareġ il-*Ministeria Quædam* peress li hekk kienu jissejħu; għalhekk f'ħafna kitbiet tal-istorja dawn insibuhom imniżżlin bħala kjeriċi. Kien wara li ħareġ dan il-*Motu Proprio* li persuni bħal dawn ma setgħux jibqgħu jissejħu kjeriċi peress li ma kinux ikunu ħadu l-Ordni Sagri. Jiena qed nuża din il-kelma biex nirreferi għalihom biss u niddistingwihom minn ismijiet oħra li jidhru fl-artiklu. Fiż-żminijiet ta' l-imgħoddi hekk kienu jissejħu, iżda llum kjeriku nużawha biss għal xi ħadd li ħa l-Ordni Sagri.

iv Alexander Bonnici O.F.M. Conv., In-*Nadur Ġrajjiet Kolleġġjata u Bażilika Mxebilkin fil-Ħajja Soċjali ta' Għawdex*, Vol I, Reliġjon u Ħajja, Storja 11, 1984, pġ. 199-200.

v *Ibid.*, pġ. 245-246.

vi *Ibid.*, pġ. 274-275.

vii "Rigal tal-kjeriku Ġamri Sapiano fis-sena 1818".

viii *Ibid.*, pġ. 321.

ix *Ibid.*, 317.

x *Ibid.*, pġ. 313-314.



*Is-Santwarju tal-Immakulata Kunċizzjoni.*